# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA PIJU V**

Antonio twieled gewwa Bosco fis-17 ta' Jannar 1504 mill-familja nobbli Ghislieri. Biex jghix kellu jahdem ta' rghaj sakemm lahaq l-eta' ta' 14 il-sena, meta, allura, dahal mad-Dumnikani ta' Voghera.





Huwa ha l-professjoni solenni bhala patri dumnikan bl-isem ta' Michele. Huwa temm preparazzjoni qaddisa hafna flimkien ma' formazzjoni teologika qabel gie konferit bl-ordni sagri f'Genova fis-sena 1528.

Ghal 17 il-sena huwa kien ghalliem tal-filosofija u teologija gewwa Pavia, Bologna, Bergamo u anke prijur f'diversi kunventi, fejn iddistigwa ruhu bhala superjur ta' dixxiplina u fit-tmexxija ta' l-osservanza tar-regola. Bhala inkwizitur gewwa Como huwa hadem b'ruhu u gismu biex iwaqqaf u jeqred kull duttrina protestanta li kienu ntrodotti b'mod sigriet gewwa l-Lombardija. Il-hegga tieghu biex jaqdi dmirijietu bl-akbar precizjoni gibdet l-attenzjoni tal-kardinal Gianpietro Carafa li nnominah Kummissarju Generali ta' l-Inkwizizzjoni Rumana. Meta l-kardinal Carafa laqhaq papa bl-isem ta' Pawlu IV, ghazlu bhala isqof ta' Sutri u Nepi fis-sena 1556 u s-sena ta' wara hatru kardinal. Fis-sena 1558 kien assenjat l-aktar kariga gholja ta' Inkwizitur Generali tal-Knisja Rumana.

Wara l-elezzjoni ta' Piju IV, Mons Ghislieri gie nominat, fis-sena 1560, isqof ta' Mondovi', imma malajr kellu jitlaq ghar-Ruma biex jisma' il-kaz ta' tmiem isqfijiet francizi akkuzati f'erezija. Mal-papa ma kellux relazzjonijiet tajba ghaliex iddizapprova l-mod mundan u nepotista tieghu. Meta Piju IV, miet, il-kardinal Ghislieri gie elett papa fuq suggeriment tal-kardinal Carlo Borromeo, neputi tal-papa mejjet. Kien is-7 ta' Jannar 1566. Ghaxart ijiem wara gie inkurunat u ghazel l-isem ta' Piju V. Bhala Papa kompla jilbes it-tunika dumnikana u

kompla jghix ir-regola ta' San Duminku. Kellu hegga kbira biex iqieghed fil-prattika  r-riforma ekklesjastika kemm f'Ruma kif ukoll fil-pajjizi kattolici

Biex ikompli mad-decizzjoni mahruga mill-Koncilju ta' Trentu li talab test car u komplet tad-duttrina nisranija, deher il-Katekizmu Ruman migbur mill-kardinal Carlo Borromeo u fis-sena 1568 edizzjoni gdida tal-Brevjar giet stampata. Fis-sena 1570 deher il-Missal Ruman. Fis-sena 1571 Piju V holoq il-Kongregazzjoni ta' l-Indici biex jezamina il-kotba li kien fihom kitba kuntrarju ghat-twemmin nisrani, ta hajja gdida lil Inkwizzizjoni u organizza mill-gdid il-Penitenzerija. Kien jinterveni personalment fil-laqghat tat-Tribunal ta' l-Inkwizizzjoni u darbtejn fil-gimgha kien jaghti udjenza lill-poplu. Kellu qalb hanina lejn il-fqar li lilhom kien jisma' b'imhabba u pacenzja kbira, jikkonforta u jghin anke finanzjarjament. Kien juri favuri kbar mal-fondazzjoni tas-seminarji.

L-opra tieghu ta' tindif jew purifikazzjoni waslet ukoll biex tqaccat l-abbuzi tal-kurja rumana minghajr hniena. Huwa waqqaf ukoll kummisjoni ta' kardinali biex tghasses fuq il-kultura u kostumi tal-kleru, li ma kienux xierqa. Lis-sacerdoti kien impedihom li jattendu ghall-loghob, l-ispettakli, banketti

pubblici u li jidhlu fit-taverni. Kien jibghat vizitaturi appostoli fid-djocesijiet biex jaraw li l-isqfijiet kienu qed jobdu l-ordnijiet mahruga biex ir-riforma tkompli miexja 'l quddiem. Kien ghadu kbir tan-nepotizmu u ma laqa' t-talba ta' hadd ghal xi favuri. Malli kien isir jaf b'imgieba hazina kien jiehu azzjoni minnufih. Hekk gara lit-tifel ta' huh li tah il-permess jidhol fl-armata pontificja. Keccih meta sar jaf li kellu vizzji koroh.

Biex itejjeb il-moralita' tal-poplu ruman huwa kien jikkastiga li dawk li jidghu, ipprojbixxa il-glied mat-toru u anke il-karnival, baghat 'l barra minn Ruma numru kbir ta' kortiggjani u mpona limitu ghall-lussu u infieq fil-festi.

Matul il-guh tas-sena 1566 u l-mard li segwa huwa qassam numru konsiderevoli ta' flus li dawk fil-bzonn u organizza s-servizzi tas-sahha. Sahhah id-difiza ta' Ruma, u kien favur il-progress agrikolu billi bena triqat u akwadotti. Fis-sena 1577ipproklama lil San Tumas d'Aquino duttur tal-knisja u obbliga lil Universitajiet biex iqiegħdu ghall-istudju is- Summa Teologika; huwa wkoll ried li tkun stampata l-edizzjoni shiha ta' l-opri kollha tal-qaddis. Baghat aktar missjunarji fejn ra l-htiega u wissa lil ispanjoli biex ma jiskandalizzawx lil indigeni tal-kolonji taghhom.

Ha hsieb il-Monti di Pieta biex isalva lil kattolici mill-uzurja tal-Lhud li kontra taghhom ordna li jkunu espulsi mill-artijiet kollha ta' l-istat Pontificju, bl-eccezzjoni ta' Ancona u Ruma. Il-politika kontra l-lhud bdiet tinhass ukoll f'partijiet ohra ta' l-Italja. F'Milan rega' beda l-obbligu tal-marka safra u jekk jonqos ghat-tieni darba tinhareg l-ordni tat-tkeccija. Anke gewwa Venezja, wara r-rebha fuq it-Torok f' Lepanto bdiet il-kacca kontra l-Lhud, izda li imbaghad waqfet.

Ma naqasx li johodha b'kull mod possibbli, il-glieda kontra l-erezija u t-taghlim protestant, gej minn fejn gej. Piju V hadha kontra Elizabetta I regina ta' l-Ingilterra , bniedma ta' kapacita kbira politika, u nieqsa minn kull ideal religjuz, imma li taf kif tgholli l-pozizzjoni ta' pajjizha biex thabbatha ma' dik ta' Franza u Spanja. Bil-Bolla tieghu "Regnans in excelsis" huwa skomunika lil Elizabetta u hall lis-sudditi inglizi mill-gurament ta' fedelta'. Ir-regina kienet qed tkun akkuzata li abolit il-quddiesa, it-talb, ixxerred l-erezija, u li kecciet lill-kleru mill-knejjes, kunventi u skejjel. Kien zball kbir tal-papa li jitlob lil kull ingliz kattoliku biex ikun kattoliku tajjeb ghandu juri nuqqas ta' patriottizmu.

Ir-regina li diga kien turi certa mibgheda lejn il-kattolici harget ligijiet li bihom bdiet tippersegwita lil nsara. Meta l-

imperu tork rebah lil Farmagosta u lin-Nikosia li kienu difizi bl-aktar mod eroiku mill-Venezjan Marantonio Bragandin, Piju V dahal jaghmel parti mill-Lega Santa. Din kienet maghmula mis-Santa Sede, Venezja u Spanja fost l-ohrajn. Dawn ghaqqdu l-forzi taghhom u taht it-tmexxija ta' don Giovanni d'Austria ghamlu gwerra lill-qawwa torka fl-aqwa battalja fi zmien medjavali, maghrufa bhala l-battalja ta' Lepanto, b'rebha ghal insara.

Bhal turija ta' radd il-hajr kienet introdotta l-festa tar-Ruzarju, fis-7 ta' Ottubru li dik is-sena habtet il-Hadd. Il-festa giet estiza ghall-knisja universali fis-sena 1716 u baqghet fissa b'ordni tal-Papa Piju X fis-sena 1913. Is-senat Venezjan fis-sala tal-laqghat ordna li titqieghed pittura tal-battlja ta' Lepanto u tahtha dawn il-kelmiet: Mhux il-forza, mhux l-armi mhux il-mexxejja, imma r-Ruzarju ta' Marija harigna rebbihin."

Wara r-rebha kbira ta' Lepanto, sehh disgwid u nuqqas ta' fethim bejn il-gvernijiet tal-Lega, tant li din waslet biex tkun xolta. Il-papa ma gharafx li jisfrutta din l-ghaqda u ghalhekk tilef kull tama li din il-Lega xi darba tidhol ghal impenn li tiggieled biex l-Qabar ta' Kristu ikun mehlus.

Il-papa marad u ma riedx ikun operat u miet fil-lejla ta' l-1 ta' Mejju tas-sena 1572 fl-eta ta' 68 snin fejn imdawwar mill-kardinali stqarrilhom biex ikunu ta' kustodji ghall-knisja li hu tant kien ihobb. "Ghazlu successur li jkun jisthoqqlu biex ihares lis-sede appostilika u l-gid tal-kristjanita' . Kien papa tassew qaddis. Ikkanonizat minn Klement Xi fis-sena 1712 bil-festa tieghu tkun iccelebrata fit-30 ta' April.